MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2014

Appell Kriminali Numru. 489/2013

Appell Nru: 489/2013

Il-Pulizija

Spettur Jonathan Ferris

vs

Simon Victor Dimech

Illum, 2 ta' Ottubru, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kontra l-imsemmi Simon Victor Dimech, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 454969M talli:

F'dawn il-gzejjer, fix-xahar ta' Mejju, 2006 jew f'xi perjodu qabel, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew

skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fiohom jew kellhom jippruvaw.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, minhabba l-kariga jew l-impjieg tieghu, kien fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, u ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-1 ta' Novembru, 2013, fejn il-Qorti wara li rat ma sabitx lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha, wara li rat l-artikolu 185 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmi Simon Victor Dimech, presentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-12 ta' Novembru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata kif gej:

(a) Tikkonfermaha fil-parti fejn huwa gie ddikjarat mhux hati u minnha illiberat u;
(b) Thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabithu hati u konsegwentement tiddikjarah mhux hati taghhom u minnhom tilliberah kompletament skond il-ligi.

Alternattivament, u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha thassarha fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant Simon Victor Dimech.

Rat l-aggravji tal-appellant illi huma s-segwenti:

i. Illi l-prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-esponent u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cioe' dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u per konsegwenza s-sejbien ta' htija tal-imputat ta' l-akkuzi addebitati lilu hija "unsafe and unsatisfactory".

Illi mill-provi kollha, jirrizulta li l-imputat m'ghamel l-ebda gwadann personali u meta hareg dawn l-invoices huwa harighom in buona fede. L-imputat kien qieghed biss jobdi ordnijiet in buona fede li kien qed jaghtih l-employer tieghu, meta nhargu l-invoices.

Filfatt, meta gie infurmat mill-pulizija li dawk l-invoices b'xi mod jew iehor kienu kagun li bihom inholoq xi reat, l-imputat tant hadha bi kbira li huwa gie ngannat li l-ghada irrezenja mmedjatament mill-impjieg tieghu allavolja dan l-impjieg kien l-uniku mezz t'ghajxien tieghu, ta' martu u ta' wliedu minuri u kif ukoll allavolja ma kellux ebda impjieg alternattiv. Dan huwa ikkonfermat fix-xhieda tal-imputat, kif ukoll fix-xhieda tas-Sur Cassar fejn huwa kkonfermat illi l-imputat irrizenja mill-impjieg tieghu volontarjament u minn jeddu u kontra r-rieda tal-istess Cassar li jistqarr illi l-istess imputat ma kellux ghalfejn jirrizenja.

L-invoices hawnhekk imsemmija hargu a rigward ta' wiehed mill-hafna akkordji ta' xoghol li kienu jsiru bejn diversi kumpaniji ta' Cassar u Ronald Galea. L-imputat ma kienx jaf xi ftehim kien hemm bejn Ronald Galea u Anthony Cassar. Ghaldaqstant l-imputat ma seta' qatt kellu l-intenzjoni li jwettaq ir-reat li tieghu nstab hati peress illi lanqas biss kien jaf x'kienu jiftehmu Cassar u Galea. Bl-akbar rispett, jigi sottomess illi l-provi cirkostanzjali tal-kaz kjarament huma kollha f'direzzjoni wahda jigifieri illi l-imputat qatt ma kellu ebda intenzjoni li johrog invoices fittizji u dana qed jinghad kemm ghac-cirkostanzi ta' qabel inhargu l-invoices kif ukoll ghall-fatti li graw wara:

a. Illi kien hemm diversi akkordi bejn Galea u hafna socjetajiet ta' Cassar.

b. Illi haddiema ta' diversi socjetajiet fejn Cassar kien Direttur kienu jaghmlu xogholijiet ta' xulxin u l-imputat kien impjegat ma wahda biss mis-socjetajiet ta' Cassar.
c. Illi l-imputat kiteb kollox fir-registri minghajr ebda habi ta' xi informazzjoni.
d. Illi l-ewwel mumenti li l-imputat sar jaf illi kien hemm xi tracci ta' xi reat a rigward dawn l-invoices kien meta gie nfurmat mill-Ispettur Investigattiv gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija.
e. Illi wara li sar jaf x'kien gara tant hass ruhu li gie ngannat illi mar fuq il-post tax-xoghol bil-karozza tax-xoghol u mieghu b'ibnu ta' tlett snin u dana sabiex jirrizenja u bl-ebda mod ma jgeghluh jibdel il-hsieb tieghu li jkompli jahdem hemm (Ta xejn kienet l-insistenza ta' Cassar biex l-imputat ma jirrezenjax) u dana allavolja ma kellu ebda impjieg alternattiv.
f. Illi ma gie stabbilit ebda mottiv ghala l-imputat kellu ghalfjen johrog dawn l-invoices fittizji.

Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedent t-tieni aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

i. Illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati strahet fuq artikolu 185 tal-Kodici Kriminali, b'mod partikolari artikolu 185 subinciz (2) sabiex sabet lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni. Illi skond Artikolu 185(1) tal-Kodici Kriminali:

   *Bla ħsara tal-każijiet imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jekk uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, minħabba l-kariga jew l-impieg tiegħu, hu fid-dmir li jagħmel jew jagħti dikjarazzjoni jew ċertifikat, jagħmel jew jagħti dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa tliet snin.*

   Filwaqt illi skond artikolu 185(2) tal-Kodici Kriminali:

   *Meta l-falsifikazzjoni ssir minn xi persuna li mhix uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż ta' awtorità, il-piena tkun ta'priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.*

> Artikolu 185 (2) jghamel emfasi fuq il-frazi b'abbuz ta' awtorita'. Illi l-imputat la kien xi Direttur ta' socjeta ta' Cassar, jew financial controller ta' xi socjeta tal-istess Cassar. L-imputat kien biss impjegat bhala technical manager ta' socjeta' wahda minn hafna ta' Cassar u huwa kien biss jobdi l-ordnijiet tal-employer tieghu xejn aktar. Fis-Socjeta' Cassar Ship Repair Limited, ma kellu l-ebda awtorita' izda kien biss impjegat. Ghaldaqstant l-impjegat qatt ma seta' wettaq ebda abbuz ta' awtorita', ghaliex ma kellu l-ebda poter/awtorita' fis-Socjeta' Cassar Ship Repair Limited. Sabiex wiehed ikun jista' jigi akkuzat b'xi abbuz ta' awtorita', wiehed irid ikollu xi forma ta' poter u xi forma ta' poter fi hdan is-Socejta' Cassar Ship Repair Limited, l-imputat ma kellux. Tant kemm l-imputat kull ma kien qieghed jagheml hu li jobdi l-istruzzjonijiet ta' min kellu l-poter u l-awtoriat' fi hdan is-Socjeta' Cassar Ship Repair Limited, li ma jirrizulta l-ebda mottiv ghal xi gwadann jew inkella minhabba xi hbiberija.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant kien impjegat bhala technical manager mas-socjetà Cassar Ship Repair Limited illi taghha Anthony Cassar kien direttur. Din is-socjetà kienet tkun inkarigata fuq bazi regolari minn CMA CGM Malta biex taghmel tiswijiet fuq vapuri li jidhlu l-freeport kif ukoll tiswijiet f'makkinarju adoperat mill-freeport. Ghan-nom tal-Freeport kien jikkomunika ma' Cassar Ship Repair Ronald Galea. F'xi zmien id-dirigenti tal-Freeport indunaw illi kien hemm xi haga hazina fl-operat taghhom. Saru jafu illi kien hemm ftehim bejn impjegat taghhom Ronald Galea u Anthony Cassar id-direttur ta' Cassar Ship Repair permezz ta' liema ftehim Galea kien qed jircievi hlas ghal kull kuntratt illi jghaddi lil Cassar Ship Repair. Fil-kors tal-investigazzjoni irrizulta illi l-appellant Simon Victor Dimech hareg tlett (3) invoices ghal xoghol suppost maghmul minn Cassar Ship Repair fuq inkarigu tal-free port meta fil-fatt dan ix-xoghol qatt ma sar. Dawn l-invoices hargu mill-appellant fuq talba ta' Ronald Galea. Il-free port hallset tnejn minn dawn l-invoices u c-cekkijiet relattivi intuzaw minn Galea bhala hlas akkont ta' dghajsa illi kien xtara. Minn dawn it-transazzjonijiet kien biss Ronald Galea illi ghamel gwadann.

L-appellant irrilaxxa stqarrija lill-pulizija u 'l ghada illi ghamel l-istqarrija irrizenja minn jeddu mill-impjieg ma' Cassar Ship Repair. Ghandu jinghad illi dawn il-fatti mhumiex kontestati. Anzi l-imputat jammetti mhux biss fl-istqarrija imma anke waqt id-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti illi huwa hareg dawk l-invoices, jammetti li kien jaf li x-xoghol deskritt f'dawk l-invoices ma sarux u jammetti li konsegwentement ma kien hemm l-ebda ammont dovut mill-free port lil Cassar Ship Repair. Però jallega illi hu ma ghamel xejn minn jeddu, li dawn l-invoices hargu a bazi ta' ftehim bejn Ronald Galea u Anthony Cassar u li kulma ghamel kien illi segwa istruzzjonijiet ta' Anthony Cassar. Min-naha tu Cassar jinnega illi kien jaf xi

haga fuq dawk l-invoices filwaqt li Ronald Galea jghid li fuq dawk l-invoices kien ikkomunika biss mal-appellant. Sar anke konfront biex jigi rizolt dan il-konflitt bejn il-provi izda l-partijiet, kemm l-appellant u Cassar baqghu jzommu fermi l-pozizzjoni taghhom.

B'sentenza moghtija fl-ewwel (1) ta' Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) (fol 178) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant mhux hati tal-ewwel imputazzjoni u minnha illiberatu izda sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta illiberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

L-appellant però hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell u l-aggravju principali tieghu kien illi l-provi ma jwasslux sal-grad minghajr dubbju dettat mir-raguni. Agixxa in buona fede fuq struzzjonijiet tas-superjur tieghu li kien lahaq akkordju ma' Ronald Galea u minn dan l-akkordju gwadanja biss Ronald Galea u mhux l-appellant.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-artikolu tal-ligi ikkwotat mill-ewwel Qorti u cioé l-artikolu 185 u 185(2) tal-Kodici Kriminali u jargumenta illi huwa ma ghamel l-ebda abbuz ta' awtorità peress illi huwa kien biss impjegat bhala technical manager ma' Cassar Ship Repair Yard u ma kellux pozizzjoni ta' awtorità oltre minn dan. Di più ghal dak li jirrigwarda l-meritu l-appellant jargumenta illi huwa kiteb l-invoices fuq l-istruzzjonijiet ta' Cassar u Galea u gie ingannat minnhom. Hekk kif sar jaf il-bicca ghaddiet ghand il-pulizija, 'il ghada illi ghamel l-istqarrija irrizenja minn jeddu mix-xoghol ma' Cassar u bhala technical manager ma kellu l-ebda awtorità illi jikkontradixxi s-superjuri tieghu.

Ikkunsidrat:

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Fi kliem iehor il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax diskrezzjoni fl-apprezzament tal-fatti ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha (Il-Pulizija versus Carmelo Schembri, 28 ta' April 1995) u dana huwa proprju dak illi ser taghmel din il-Qorti.

Minn ezami akkurat tas-sentenza tal-ewwel Qorti ssib illi l-ewwel Qorti dahlet fil-fond meta ezaminat u gharfet id-differenzi bejn il-falz materjali u dak ideologiku kif imfissra mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha Il-Pulizija versus Paul Galea (17 ta' Ottubru 1997) u kif rabtet dan il-kuncett legali mal-fatti kif irrizultaw minn dan il-kaz. Mhuwiex minnu illi l-appellant sar jaf illi dawk l-invoices kienu

foloz meta huwa kien qed jigi investigat mill-pulizija. Fil-fatt hu stess jammetti fl-istqarrija rilaxxata illi l-invoices kienu inveritieri ghaliex ix-xoghol qatt ma kien sar; madankollu xorta harighom fil-kors tal-impjieg tieghu ma' Cassar Ship Repair.

Din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni illi waslet ghaliha l-ewwel Qorti illi anki li kieku kellha temmen illi l-appellant qieghed isegwi biss ordinijiet, dan il-fatt ma jizkuzahx u ma jbiddel xejn mir-rejetà tieghu partikolarment meta wiehed iqis li bid-dikjarazzjoni falza li ghamel l-appellant wasal biex terz u cioé l-free port sofra danni billi hallas flus illi ma kinux dovuti minnu.

L-appellant ma jistax jargumenta illi huwa ma agixxiex b' abbuz ta' awtorità. Il-fatt biss illi kellu l-awtorità illi johrog dawk l-invoices, liema invoices kien jaf li kienu inveritiera, ipoggih nettament fic-censura tal-ligi u ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti liema konkluzjoni hija ragjonevoli u legali u ghalhekk mhux il-kaz illi tigi disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------